

Brussell, 18 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13236/22

Fajls Interistituzzjonali:
2021/0424(COD)
2021/0425(COD)

ENER 491
ENV 973
CLIMA 486
IND 388
RECH 525
COMPET 766
ECOFIN 969
CODEC 1433

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu kif ukoll Regolament dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (riformulazzjoni) - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Fid-dawl tal-Kunsill TTE (Enerġija) tal-25 ta' Ottubru 2022, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-nota ta' diskussjoni dwar id-Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu u r-Regolament dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (riformulazzjoni).

Nota ta' diskussjoni dwar ir-Regolament u d-Direttiva dwar is-Suq tal-Gass u l-Idroġenu

Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposti għad-Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu u r-Regolament dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (Pakkett tal-Gass) bħala parti minn qafas ġdid tal-UE għad-dekarbonizzazzjoni tas-swieq tal-gass, il-promozzjoni tal-idroġenu u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan.

Taħt il-Presidenza FR, il-proposti flimkien mal-Valutazzjoni tal-Impatt ġew ippreżentati, u wara kien hemm l-ewwel skambju ta' fehmiet mill-Istati Membri. F'Lulju 2022, il-Presidenza Ċeka bdiet negozjati dwar il-proposti fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija. Abbażi tal-ewwel eżiti ta' dawk id-diskussjonijiet, il-Presidenza ppreżentat l-ewwel reviżjoni kemm tar-Regolament kif ukoll tad-Direttiva fid-9 ta' Settembru 2022 biex tkun tista' ssir aktar diskussjoni approfondita fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fil-ġimgħat ta' wara.

Abbażi tal-progress miksub s'issa, u sabiex tiġi stabbilita direzzjoni għal aktar ħidma, il-Presidenza issa qed tipproponi 3 suġġetti ta' diskussjoni, kull wiehied b'diversi opzjonijiet għall-Ministri biex iqisu:

1. Il-perjodu ta' żmien tal-iżvilupp tas-swieq tal-idroġenu b'enfasi fuq is-separazzjoni vertikali tal-Operaturi tan-Networks tal-Idroġenu

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi qafas regolatorju aktar flessibbli għall-idroġenu matul il-fażi taż-żieda fi stadji tas-suq iżda, sal-1 ta' Jannar 2031, għandhom japplikaw regoli aktar dettaljati li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tas-suq u l-kummerċ transfruntier. Xi Stati Membri qiesu li d-data fissa tal-2030 għal din it-tranżizzjoni regolatorja ma tippovdix biżżejjed flessibbiltà u żmien biex is-suq tal-idroġenu jiżviluppa u jimmatura biżżejjed. Madankollu, in-nuqqas ta' data tat-tmiem armonizzata tal-perjodu ta' tranżizzjoni fil-livell tal-UE jinvolve r-riskju ta' sistemi regolatorji diverġenti bejn il-fruntieri li jistgħu jfixxlu l-iżvilupp ta' suq intern effiċjenti.

Ir-regoli proposti għas-separazzjoni vertikali tal-Operaturi tan-Networks tal-Idroġenu (*l-Artikolu 62 tad-Direttiva*) jagħmlu l-mudell ta' separazzjoni tas-sjieda disponibbli. Huwa propost li l-mudell tal-operaturi indipendenti tas-sistemi ("ISO") ikun disponibbli għan-networks tal-idroġenu, li kienu jappartjenu għal impriżi integrati vertikament mad-dħul fis-seħħ tal-Pakkett tal-Gass. Element aktar ikkontestat huwa l-iskadenza tal-mudell ta' separazzjoni tal-Operaturi Indipendenti ta' Trażmissjoni ("ITO") sal-2031 peress li xi Stati Membri jinkwetaw li dan jista' jfixxkel l-iżvilupp tan-networks tal-idroġenu, u b'hekk is-swieq, minħabba li t-TSOs tal-gass bil-mudell ta' separazzjoni tal-ITO ma jkunux inċentivati jinvestu f'adattament tal-infrastruttura tagħhom għal skop ġdid.

Il-perjodu ta' tranżizzjoni propost għas-swieq tal-idroġenu sa tmiem l-2030 jidher f'diversi artikoli fil-Pakkett tal-Gass kollu. Ir-Regolament jipproponi li mill-1 ta' Jannar 2031 ma tiġi imposta l-ebda tariffa għall-aċċess għan-networks tal-idroġenu fil-punti ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri (*l-Artikolu 6 tar-Regolament*) li għandha tiġi sostitwita bil-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' kumpens għall-finanzjament tal-infrastruttura transfruntiera fost l-Operaturi tan-Networks tal-Idroġenu rilevanti (*l-Artikolu 53 tad-Direttiva*). Sa tmiem l-2030 skont id-Direttiva proposta, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tal-aċċess regolat ta' partijiet terzi għan-networks tal-idroġenu (*l-Artikolu 31 tad-Direttiva*) u l-Operaturi tan-Networks tal-Idroġenu jistgħu jibbenefikaw minn derogi għan-networks tal-idroġenu eżistenti u għan-networks ġeografikament konfinati (*l-Artikoli 47 u 48 tad-Direttiva*).

F'dan ir-rigward, il-Ministri huma mistiedna jirriflettu dwar l-opzjonijiet li ġejjin:

- a) *L-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' rieżami għad-data tat-tranżizzjoni regolatorja tal-2031 fil-livell tal-Unjoni, fejn il-Kummissjoni tirrieżamina, abbażi ta' kriterji stabbiliti minn qabel (eż. il-funzjonament tas-suq, il-kompetizzjoni, l-effetti tad-diverġenza tar-regoli fuq il-kummerċ transfruntier), il-kondizzjonijiet tas-suq fl-[2028] u, fejn xieraq, tadotta deċiżjoni biex tipposponi t-tranżizzjoni fil-livell tal-Unjoni.*
- b) *Il-posponiment tal-fażi ta' tranżizzjoni għall-elementi tad-disinn tas-suq tal-idroġenu sas-sena [X].*
- c) *Il-preservazzjoni tal-mudell ta' separazzjoni tal-Operaturi Indipendenti ta' Trażmissjoni ("ITO") wara l-2030 għat-TSOs eżistenti tal-gass bil-mudell ta' separazzjoni tal-ITO.*

2. Skontijiet fit-tariffi għal gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju fis-sistema tal-gass naturali u tariffi transfruntiera fin-networks tal-idroġenu

I. Tariffi transfruntiera fin-networks dedikati tal-idroġenu

Il-Kummissjoni pproponiet disinn għal suq tal-idroġenu futur mingħajr tariffi transfruntiera mill-1 ta' Jannar 2031 (*l-Artikolu 6 tar-Regolament*). Kif diġà huwa l-każ għas-swieq tal-elettriku, dan jgħid li kondizzjonijiet ekwi għall-produzzjoni tal-idroġenu u jevita tariffi addizzjonali ("pancaking"), li huwa importanti biex tiġi evitata żieda fil-kostijiet għall-konsumaturi finali. L-implimentazzjoni ta' sistema ta' tariffi transfruntiera ta' livell żero u mekkaniżmi xierqa għall-kondiviżjoni tal-kostijiet tista' tkun aktar fattibbli fi stadju bikri tal-varar tal-infrastruttura tal-idroġenu milli f'suq matur fejn ikunu saru investimenti konsiderevoli fl-infrastruttura. Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-idroġenu (transfruntiera) fin-nuqqas ta' tariffi transfruntiera, qed jiġi propost mekkaniżmu ta' kumpens finanzjarju fost l-operaturi tan-networks tal-idroġenu (*l-Artikolu 53 tad-Direttiva*). Xi Stati Membri jippreferu jżommu l-mekkaniżmu tariffarju eżistenti għall-idroġenu wkoll, filwaqt li oħrajn jixtiequ jipposponu l-implimentazzjoni ta' tariffi transfruntiera ta' livell żero għan-networks tal-idroġenu.

Sussegwentement, il-Ministri huma mistiedna jirriflett fuq l-opzjonijiet li ġejjin:

- a) *L-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' rieżami għas-sena 2031 fil-livell tal-Unjoni, fejn il-Kummissjoni tirrieżamina, abbażi ta' kriterji stabbiliti minn qabel (eż. il-funzjonament tas-suq, il-kompetizzjoni, l-effetti tad-diverġenza tar-regoli fuq il-kummerċ transfruntier), il-kondizzjonijiet tas-suq fl-[2028] u, fejn xieraq, tadotta deċiżjoni biex tipposponi l-obbligu għal tariffi transfruntiera ta' livell żero għan-networks tal-idroġenu.*
- b) *Il-posponiment tal-obbligu għal tariffi transfruntiera ta' livell żero għan-networks tal-idroġenu sas-sena [X].*
- c) *Is-sostituzzjoni tal-obbligu ta' tariffi transfruntiera ta' livell żero mill-1 ta' Jannar 2031 b'deċiżjoni konġunta dwar it-tariffi transfruntiera mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, b'deċiżjoni finali tal-ACER f'każ ta' nuqqas ta' qbil.*

II. Skontijiet fit-tariffi għall-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju fis-sistema ta' distribuzzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni fiha diversi skontijiet fit-tariffi li l-objettiv ewlieni tagħhom huwa li jinkoraġġixxu l-użu u l-kummerċ transfruntier ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju (*l-Artikolu 16 tar-Regolament¹*). Xi Stati Membri argumentaw li l-gassijiet rinnovabbli għandhom jingħataw prijorità. Oħrajn esprimew tħassib li l-iskontijiet fit-tariffi mhumix għodda xierqa biex jiżdied l-użu ta' dawn il-gassijiet u dwar it-telf ta' dħul għat-TSOs tal-gass regolati u, b'hekk, iż-żieda potenzjali fil-prezz tal-gass fossili għall-klijenti finali.

F'dan ir-rigward, il-Ministri huma mistiedna jirriflettu dwar l-opzjonijiet li ġejjin:

- a) *Issir distinzjoni bejn l-iskontijiet tal-gassijiet rinnovabbli u dawk b'livell baxx tal-karbonju, jiġifieri livell differenti ta' skontijiet għall-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju.*
- b) *Ma jiġux implimentati skontijiet fit-tariffi fil-punti kollha ta' interkonnessjoni, inkluż il-punti ta' dħul minn u l-punti ta' ħruġ lejn pajjiżi terzi, filwaqt li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw skontijiet fil-punti ta' dħul minn faċilitajiet ta' produzzjoni rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju u fil-punti ta' dħul minn u ta' ħruġ lejn il-faċilitajiet ta' ħżin.*
- c) *Ma jiġux implimentati skontijiet obbligatorji għal gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju, jiġifieri tariffa sħiħa għandha titħallas għat-trasport ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju.*

¹ Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament, għandu jiġi implimentat skont fit-tariffi ta' 75 % fil-punti ta' dħul minn faċilitajiet ta' produzzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju u skont ta' 75 % mit-tariffi ta' trażmissjoni lejn u mill-ħażniet tal-gass fis-sistema tal-gass naturali. Għandu jiġi implimentat skont fit-tariffi ta' 100 % fil-punti kollha ta' interkonnessjoni għall-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju fis-sistema tal-gass naturali.

3. Taħlit

Ir-Regolament jobbliga lit-TSOs jaċċettaw it-taħlit tal-idroġenu sa 5 % fil-punti ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri tal-UE mill-1 ta' Ottubru 2025 (*l-Artikolu 20 tar-Regolament*). F'każ li d-differenzi fil-prattiki ta' taħlit iwasslu għal restrizzjonijiet fuq il-flussi transfruntiera, japplika l-proċess ta' koordinazzjoni transfruntiera dwar il-kwalità tal-gass (*l-Artikolu 19 tar-Regolament*). Xi Stati Membri ma jixtiqix iħalltu l-idroġenu fin-networks domestiċi tagħhom tal-gass naturali u jippreferu t-trasport u l-użu tal-idroġenu pur. Oħrajn jippreferu jipposponu d-data tal-implimentazzjoni u jnaqqsu l-livell massimu ta' taħlit biex jiġu evitati kostijiet għoljin u jiġu limitati r-riskji possibbli.

Għaldaqstant, il-Ministri huma mistiedna jirriflettu dwar l-opzjonijiet li ġejjin:

- a) *Bidla fil-livell massimu ta' taħlit fil-punti ta' interkonnessjoni għal [X] %.*
- b) *Il-posponiment tal-implimentazzjoni tal-livell massimu ta' taħlit fil-punti ta' interkonnessjoni sal-1 ta' Ottubru [X].*
- c) *Ma jiġix stabbilit livell massimu armonizzat ta' taħlit, jiġifieri l-Istati Membri u t-TSOs kontigwi jitħallew jaqblu bilateralment dwar il-livelli massimi ta' taħlit fil-punti ta' interkonnessjoni.*